**Raqda tajba**

Wara lejla wisq sabiħa
Imdawwar b'ħafna ħbieb tal-qalb,
Li ltaqjna lkoll biex infakkru
' l oħtna l-għażiża b'għożża w b'talb.

U bejn kull ċajta w tbissima
Inkella kelma ta' kuraġġ,
X'ħin sar ħin l-ikel kemm kilna
Kien għalina waqt l-isbaħ raġġ.

X'ħin sar il-ħin kulħadd f'daru
Bħalma rħejtilha għall-kunvent,
Kont naf li l-għada għall-ħidma
Stieħ, mela aħtaf kull mument.

Hekk għamilt mal-wasla tiegħi
Ħejjejt kollox ħalli nistrieħ,
U kif fuqi ġiet in-nagħsa
Inġarrejt minn tar-raqda r-riħ.

U bil-magna tan-nifs tiegħi
Striħajt fit-tul u b'ħafna sliem,
Tant li meta qomt filgħodu
ħassejtni sew, qisni mhux jien.

F'dak is-skiet l-għodwa xitwija
Ħaġa waħda ħuti għamilt,
Faħħart 'l Alla li ma tani
Lejl ta' mistrieħ li fih tnissilt.

U meta qsamt l-esperjenza
Ma' xi ħadd li jifhmni żgur,
Għedt lil Ġesù Alla tiegħi:
"X'faqa' ta' Alla int Sinjur!

Kont taf l'għandi bżonn il-petrol
Għalhekk għentni nistrieħ tgħidx kemm,
Biex jkolli saħħa biżżejjed
Meta nara l-biki u l-hemm".

Mis-skiet li saltan ġo fija
Din realtà, mhux xi ċajta,
Kienet it-tħaddina tiegħu
Meta tagħni raqda tajba.

Patri Mario Attard OFM Cap

25 ta’ Jannar 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.